**Laqgha Numru 01/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' l-Ewwel Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 2 t'April 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Joe Brincat bhala l-aktar Kunsillier anzjan qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fis-27 ta' Marzu 2008. L-Agenda kienet:

**01. Dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku.**

**02. Dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni tal-kariga ta' Vici Sindku.**

**03. Hatra ta' Kumitati u Sotto Kumitati.**

**04. Il-laqghat tal-Kunsill u l-hinijiet ta' l-ufficcju.**

**05. Materji Ohra.**

## 01. Dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta lill-Kunsill ir-rizultat ufficjali ta' l-elezzjoni li saret nhar it-8 ta' Marzu 2008. **(Ara dokument A)**

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat staqsa lill-Kunsillier Joe Zammit jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku u dan skond ir-rizultat ufficjali mahrug mill-Kummissjoni Elettorali skond l-Elezzjoni li saret nhar is-Sibt 8 ta' Marzu 2008.

1.03. Il-Kunsillier Joe Zammit accetta l-kariga u ghalhekk gie mahtur Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg b'ittra t'accettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku. **(Ara dokument B)**

1.05. Wara s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lis-Sindku Joe Zammit il-Lapel Pin u l-Insinja ufficjali.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Kunsillier Joe Brincat u kompla jippresiedi l-laqgha huwa bhala Sindku.

## 02. Dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni tal-kariga ta' Vici Sindku.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Alfred Mazzitelli jekk jaccettax il-kariga ta' Vici Sindku u dan skond ir-rizultat ufficjali mahrug mill-Kummissjoni Elettorali skond l-Elezzjoni li saret nhar is-Sibt 8 ta' Marzu 2008.

2.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli accetta l-kariga u ghalhekk gie mahtur Vici Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

2.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli pprezenta lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg b'ittra t'accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku. **(Ara dokument C)**

## 03. Hatra ta' Kumitati u Sotto Kumitati.

3.01 Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-Hatra ta' Kumitati u Sotto Kumitati. **(Ara dokument D u E)**

3.02 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Il-laqghat tal-Kunsill u l-hinijiet ta' l-ufficcju.

4.01 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqghat tal-Kunsill jibdew isiru nhar t'Erbgha fil-5.45pm, isiru kull gimghatejn kif ukoll li l-hinijiet tal-ftuh tal-Kunsill ghandhom jibqghu kif jinsabu bhalissa jigifieri bejn l-1 t'Ottubru u l-14 ta' Gunju bejn it-8.00 am u 12.00 pm u bejn is-1.00 pm u l-5.00 pm filwaqt li bejn il-15 ta' Gunju u t-30 ta' Settembru bejn it-8.00 am u 2.00 pm.

4.02 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Materji ohra.

5.01 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jkun firmatarju fuq il-kontijiet bankarji li ghandu l-Kunsill minflok l-ex Vici Sindku Ray Mizzi.

5.02 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.04 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg cirkulari ghar-residenti sabiex jigu nfurmati bir-responsabilitajiet li gew moghtija l-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona wkoll li jigu ordnati Business Cards u timbri ghall-membri godda tal-Kunsill kif ukoll ghall-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minhabba li kien hemm tibdil fil-pozizzjoni tieghu.

5.05 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.07 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li jigu ordnati lapel pins ghall-Kunsilliera l-godda.

5.08 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li dawn jigu pprezentati fl-attivitajiet ta' Jum Pembroke 2008.

5.09 Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li tigi ordnata wahda wkoll ghall-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minhabba li kien tilef tieghu.

5.10 Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera sabiex kemm jista' jkun malajr jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg bil-granet ta' meta ser ikunu jistghu jiltaqghu mar-residenti sabiex din l-informazzjoni tkun tista' titnizzel ukoll fic-cirkulari.

5.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-membri tal-Kunsill sabiex kemm jista' jkun malajr jipprovdu ritratt u ftit informazzjoni dwarhom kemm bil-malti kif ukoll bl-ingliz sabiex jitpoggew fuq il-web site tal-Kunsill.

5.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsilliera kollha kopja tal-Kodici t'Etika ghall-Kunsilliera kif ukoll kopja ta' Memo 34/2004 dwar l-attendenza ta' Kunsilliera ghall-attivitajiet ufficjali bhala Kunsillier waqt il-hin tax-xoghol (**Ara dokument F u G)** kif ukoll kopja tal-Ligi dwar il-Gvern Lokali lill-Kunsilliera eletti godda. **(Ara dokument H)**

5.13 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li terga' tinkiteb ittra lill-Kunsill Lokali San Giljan dwar in-nuqqas ta' dawl li hemm fin-nizla li minn Pembroke taghti ghall-Bajja ta' San Gorg. Il-kelliema pproponiet li l-Kunsill San Giljan jinghata cans sa l-ahhar t'April sabiex jinstalla d-dawl li hemm bzonn kif ukoll li jigi nfurmat li ser jinzamm responsabbli ghal dak kollu li jista' jinqala' nkluz attivitajiet illeciti u llegali. Il-kelliema pproponiet ukoll li kemm il-darba l-Kunsill Lokali San Giljan jibqa' jinjora din it-talba dan ix-xoghol ghandu jsir mill-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sepejjez tal-Kunsill Lokali San Giljan. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li kopja ta' din l-ittra tintbaghat ukoll lir-residenti tal-lokal.

5.14 Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

5.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-Kunsill ma kellux dritt li jaghmel xoghol fil-konfini ta' Kunsill iehor.

5.17 Is-Sindku Joe Zammit qal li l-informazzjoni ta' l-ittra proposta mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghandha tigi nkluza fic-cirkolari li ser jibghat il-Kunsill lir-residenti.

5.18 Is-Sindku Joe Zammit qal li hemm bzonn ukoll li jitwahhal dawl gdid ma' l-arblu li hemm fil-bidu tan-nizla tal-klabb ta' Pembroke Athleta Sports Club kif ukoll tinbidel lampa ta' zmien l-inglizi li hemm madwar St. Andrews House.

5.19 Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda lill-Kunsilliera li bhala Kunsilliera kull meta jkollhom jew jattendu ghal xi laqgha f'isem il-Kunsill dawn ghandhom ihejju rapport format t'Internal Memo sabiex tigi ccirkolata lill-Kunsilliera kollha.

5.20 Il-laqgha ntemmet fis-7.45 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |